MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 27/2014

**Fl-atti tar-rikors nru 230/2012 JZM fl-ismijiet :**

**Stephen Magri u Mary Grace Magri Gatt**

**vs**

**Emanuel sive` Noel Magri**

**Rikors ta` Emanuel sive` Noel Magri skond l-Art 836 tal-Kap 12 wara l-mandat ta' sekwestru nru 1901/2013 LSO fl-ismijiet "Stephen Magri u Mary Grace Magri Gatt vs Emanuel sive` Noel Magri"**

**Il-Qorti :**

Illi fil-15 ta` Jannar 2014, Emanuel sive` Noel Magri ("ir-rikorrent") ipprezenta rikors quddiem din il-Qorti fejn, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talab ir-revoka tal-mandat ta` sekwestru nru 1901/2013 ("il-mandat").

Illi r-rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talba ghar-revoka tal-mandat fuq l-Art 836(c), (d), (e) u (f) tal-Kap 12.

Illi fl-20 ta` Jannar 2014, din il-Qorti tat digriet fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti u tathom sebat ijiem zmien biex iwiegbu bil-miktub.

Illi fil-31 ta` Jannar 2014, Stephen Magri u Mary Grace Magri Gatt ("l-intimati") ipprezentaw risposta fejn, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbu lill-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-mandat.

Illi mar-risposta taghhom, l-intimati pprezentaw dokument li l-Qorti hadet konjizzjoni tal-kontenut tieghu.

Illi b`digriet iehor taghha tal-4 ta` Frar 2014, il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-20 ta` Marzu 2014.

Illi fl-udjenza tad-29 ta` Mejju 2014, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat ta` sekwestru in kwistjoni.

Illi l-Qorti hadet konjizzjoni tal-atti tal-mandat.

Illi fl-udjenza tas-16 ta` Gunju 2014, il-Qorti semghet ix-xiehda tar-rikorrent u rat id-dokumenti li pprezenta.

Illi fl-udjenza tat-23 ta` Gunju 2014, l-intimati pprezentaw nota b`seba` dokumenti ; il-Qorti kkostatat il-kontenut taghhom.

Illi fl-istess udjenza, il-Qorti tat digriet fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera.*

**Ikkunsidrat :**

Illi l-Qorti sejra tqis l-erba` paragrafi tal-Art 836(1) tal-Kap 12 li fuqhom qieghed jistrieh ir-rikorrent fit-talba tieghu ghar-revoka tal-mandat.

Illi l-Qorti sejra tqis l-ewwel il-paragrafu (d) li jghid hekk :-

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv*

Illi bhala punt ta` dritt, din il-Qorti tghid illi fl-accertament tal-pretensjoni tar-rikorrent, l-ezami li hija trid taghmel huwa biss accertament *prima facie* ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz minnha stess kif presjeduta fil-kawza bejn il-partijiet li hija pendenti. Ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel f'dan l-istadju, tenut kont li hawn si tratta ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza.

Illi f`dan il-kuntest taghmel riferenza ghall-**<u>provvediment moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) fid-29 ta` Lulju 2005 fir-Rikors Nru. 336/2005</u>** fejn inghad hekk –

*Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru.*

Illi fil-kaz tal-lum, wara li qieset il-kontenut tar-rikors, u kif l-intimati laqghu ghar-rikors, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma weriex imqar bi <u>prova</u> *prima facie* li l-ammont mitlub mhuwiex gustifikat jew li huwa eccessiv.

Illi l-kawzali ghall-hrug tal-mandat huma danni li l-intimati llikwidaw fl-ammont ta` €710,000.

Illi fir-rikors tieghu, sabiex jirribatti ghall-pretensjoni tad-danni, ir-rikorrent illimita ruhu ghall-esposizzjoni ta` pretensjonijiet, fatti jew cirkostanzi li jolqtu l-mertu

tal-kwistjoni bejn l-ahwa Magri ; il-provi ghadhom qeghdin jingabru, u huwa biss meta l-gbir tal-provi jkun konkluz li l-Qorti tkun tista` tippronunzja ruhha.

Illi din l-esposizzjoni wahedha ma twassalx ghal prova *prima facie.*

Illi ghar-rigward tal-fattur l-iehor – li huwa alternattiv – u li jaghmel ukoll parti mill-paragrafu (d) u cioe` li l-*quantum* huwa eccessiv, il-Qorti rat id-dokument li pprezentaw l-intimati mar-risposta taghhom bhala prova tal-*quantum* li talbu li jikkawtelaw bil-mandat. Fuq l-iskorta ta` dak id-dokument, fl-assenza ta` accenn da parti tar-rikorrent fuq il-fattur tal-eccessivita` fir-rikors tieghu, kif ukoll fl-assenza ta` l-produzzjoni ta` xi dokument iehor ta` kontabilita` da parti tar-rikorrent, il-Qorti ma tista` tiskarta bhala eccessiv l-ammont mitlub ghall-fini tal-procediment tal-lum.

Illi ghalhekk talba ghal revoka abbazi tal-Art 836(1)(d) qeghda tkun respinta.

Illi l-Qorti sejra tghaddi issa biex tqis il-paragrafi (c) u (e) flimkien :-

(ċ) *li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni ;*

*(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed.*

Illi fil-kaz tal-lum, jirrizulta mill-atti tal-mandat li l-intimati ghazlu li jikkawtelaw id-danni minnhom pretizi kontra r-rikorrent bl-ilqit ta` flus f`idejn zewg stralcjarji bhala sekwestratarji. Fil-kors tal-procediment odjern, ghalkemm mhux fit-

test tar-rikors, ir-rikorrent indika bhala garanzija ghall-fini tal-paragrafi (c) u (e) l-ishma li jippossjedi fis-socjeta` Zajra Holdings Limited.

Illi l-Qorti tirrileva li d-dicitura tal-paragrafi (c) u (e) ma tistax titqies b`mod superficjali izda ghandha titqies b`mod akkurat ghaliex hija tal-fehma li bl-ghazla tal-aggettivi *xierqa* u *bizzejjed* li ghamel il-legislatur ried jassikura li l-garanzija alternattiva tkun tajba daqs dik kawtelata bil-mandat.

Illi fil-kaz tal-lum huwa evidenti li l-esekuzzjoni tal-mandat de quo lahaq l-iskop tieghu. Li jfisser li fil-kaz li l-esitu finali tal-kawza fil-mertu bejn il-partijiet tkun favur l-intimati, dawn se jkollhom access dirett u minghajr xkiel ghal fondi li bihom isarrfu l-eventwali kisba ta` titolu ezekuttiv kontra r-rikorrent, fondi fil-pussess tas-sekwestratarji.

Illi kien imfisser mir-rikorrent li Zajra Holdings Limited tippossjedi propjeta` fil-Belt. Ir-rikorrent gab prova li din il-propjeta` tiswa €4,600,000 (ara d-dokument a fol 40). Li pero` rrizulta wkoll mir-rikorrent stess li l-propjeta` in parte hija mikrija lil terzi u qeghda sservi biex taghmel tajjeb ghal dejn favur terzi ta` €2,300,000.

Illi min-naha taghhom, l-intimati gabu wkoll provi dokumentarji li juru li l-valur tal-propjeta` tal-Belt huwa inferjuri ghal dak indikat mir-rikorrent, li d-dejn skond l-accounts tal-2012 huwa ta` €2,533,238 u li d-dejn ipotekat fuq il-propjeta` jammonta ghal €1,540,170.

Illi l-Qorti m`ghandhiex dubju li l-esekuzzjoni tal-mandat de quo tikkawtela ahjar il-pretensjoni tal-intimati minn dik li qieghed joffri r-rikorrent (ara l-verbal tal-udjenza tat-23 ta` Gunju 2014). Dak li qieghed joffri r-rikorrent bhala garanzija ma jistax jitqies biss f`kuntest ristrett ta` kemm tiswa l-propjeta`, xi djun qeghda taghmel tajjeb u l-bilanc "liberu". Apparti li l-Qorti trid tqis ukoll id-dejn li mhuwiex ipotekat li xorta wahda jibqa` dejn li jista` jissarraf b`ipoteki godda fuq il-propjeta`, l-access tal-intimati ghal fondi fil-kaz ta` esekuzzjoni ta` eventwali titolu esekuttiv huwa bla dubju

ta` xejn bil-ferm ahjar bil-mandat in vigore milli minghajru. Bil-mandat fis-sehh, l-intimati ma jkollhomx ghalfejn jinvolvu kredituri ohra ta` Zajra Holdings Limited li jippregradwaw l-eventwali titolu ezekuttiv tal-intimati.

Illi ghalhekk talba ghal revoka abbazi tal-Art 836(1)(c) u (e) qeghda tkun respinta wkoll.

Illi l-paragrafu (f) citat ukoll mir-rikorrent jaqra hekk :-

*jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ.*

Illi fil-kuntest ta` dak li diga` nghad fil-konsiderazzjoni tad-disposizzjonijiet l-ohra, il-Qorti ma ssib l-ebda gustifikazzjoni ghala ghandha tirrevoka l-mandat abbazi tal-paragrafu (d)

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrent ghar-revoka tal-mandat ta` sekwestru nru 1901/2013 LSO fl-ismijiet "*Stephen Magri (ID 409560M) u Mary Grace Magri Gatt (ID 114360M) vs Emanuel sive` Noel Magri (ID 35957M)*" kif dedotta fir-rikors tieghu tal-15 ta` Jannar 2014. L-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali dwar l-istanza fil-mertu bejn il-partijiet.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------